MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Numru. 32/2010

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Richard Ghirxi ta’ 25 sena, bin Victor u Salvina nee Inguanez, imwieled Pieta nhar it-30 ta’ Gunju 1984, resident 1, Silvi, Triq is-Sienja Birkirkara u detentur tal-karta ta’ l-identita 328784(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl bejn il-25 u s-26 ta’ Lulju 2009, kif ukoll f’din l-ahhar sena, f’hinijiet differenti u fi bnadi ohra f’Malta:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima ta’ l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanufattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza ghandha tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghat-tieni akkuza ta’ pussess semplici ta’ kokaina fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu

453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li rat li fis-seduta tas-26 ta’ Jannar id-difiza ammettiet li d-droga esebita mill-ufficjal prosekutur immarkata bhala Dok JB2 fil-fatt hija id-droga kokajina u li fid-Dok JB2 hemm biss tracci ta’ din id-droga.

Wara li semghet ix-xhieda u it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u cioe dik ta’ pussess semplici tad-droga kokajina.

Ghalhekk din il-Qorti trid tiddeciedi jekk l-imputat hux hati ta’ l-ewwel imputazzjoni, u cioe dik tat-traffikar tad-droga kokajina. Fix-xhieda tieghu, l-ufficjal prosekutur iddikjara li din l-imputazzjoni hija limitata ghal traffikar *by sharing* u mhux ghal traffikar iehor.[1]

L-imputat kien arrestat flimkien ma’ siehbu, certu James Callus, waqt li kienu hergin mill-istess toilet waqt party f’Ta’ Qali. Fuq il-persuna ta’ l-imputat instabet borza vojta bi tracci ta’ sustanza bajda, li, kif ammetta hu stess f’dawn il-proceduri, kienet kokajina. Instabet ukoll borza ohra fuq James Callus, bil-kontenut ta’ sustanza bajda kwazi intier.[2].

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li kien xtara l-borza ta’ kokajina minghand persuna li kienet fl-istess party, waqt li kien ma’ James Callus. Meta gie mistoqsi jekk kienx ta minn dik id-droga lil xi hadd, huwa wiegeb *“Hadniha bejnietna dak il-hin stess.”*[3]

[1] Ara fol. 11 tal-process
[2] Ara fol. 34 tal-process.
[3] Ara fol. 16 tal-process.

F'dawn il-proceduri, l-imputat ghazel li jixhed, pero fix-xhieda tieghu ta zewg verzjonijiet differenti. Waqt l-ezami, hu xehed li ghalkemm kien mar il-party ma' James Callus, meta xtara d-droga kien wahdu. Imbaghad hu u Callus marru flimkien fl-istess toilet u Callus kellu l-borza tieghu bid-droga, li l-imputat qal ma kienx jaf minn fejn gabha. Skond l-imputat kull wiehed minnhom ha d-droga mill-borza rispettiva tieghu.[4]

Pero, in kontro-ezami, l-imputat xehed li hu u Callus kienu xtraw borza kull wiehed minghand l-istess persuna, pero wara xulxin.[5] In vista ta' l-inkonsistenza fuq dan il-punt importanti, il-Qorti tqis ix-xhieda ta' l-imputat bhala mhux wahda attendibbli, u hija kredibbli l-verzjoni li huwa ta' *a tempo vergine* fl-istqarrija meta huwa qal li d-droga*"Hadniha bejnietna dak il-hin stess."*[6]. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti din il-frazi tista' biss tigi interpretata li tfisser illi l-imputat qasam id-droga li kellu ma' Callus u haduha flimkien fl-istess hin.

Din il-konkluzzjoni issib ukoll il-konfort taghha fil-fatt li l-imputat u Callus marru biex jabbuzaw mid-droga fl-istess *toilet* fl-istess hin, u li fil-waqt li l-borza ta' l-imputat instabet vojta, il-borza ta' Callus instabet bil-kontenut kwazi intier.[7] Konsegwentement, huwa applikabbli l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 22(9), stante li l-imputat ikkonsma d-droga li kien xtara fl-istess post u flimkien ma' Callus – dak li aktar popolarment jissejjah *trafficking by sharing*.

Ghalhekk, il-Qorti qieghda issib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni kontra tieghu, b'dan li t-traffikar sar *by sharing.*

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat ghall-imputazzjoni ta' pussess semplici, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, li l-fedina penali tieghu hija netta, li hu ma

[4] Ara xhieda ta' l-imputat a fol. 23-24 tal-process.
[5] Ara xhieda ta' l-imputat a fol 27-31 tal-process.
[6] Ara fol. 16 tal-process.
[7] Ara fol. 34 tal-process.

kienx jabbuza mid-droga b'mod regolari izda meta jkun qieghed f'xi attivita socjali, li llum ghandu tarbija ta' ftit xhur, ghandu impjieg fiss u qieghed jipprova jibni hajja familjarji normali. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, piena karcerarja effettiva mhix idonea f'dan il-kaz.

Peress li ma gew mahtura l-ebda esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-esperti mahtura.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22(1B), 22 (2) (b) (i) u (ii), u 22(9) tal-Kapitolu 101 u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn anness, u li ghandu jifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Il-Qorti tordna li d-droga ezebita tigi distrutta taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------